MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 349/1992/1

**Alfreda Debattista mart Mario u l-istess Mario Debattista ghal kull interess li jista jkollu, Iris Cacciottolo mart Aronne sive Ronnie u l-istess Aronne sive Ronnie Cacciottolo ghal kull interess li jista jkollu, Miriam Sultana mart Michael Sultana u l-istess Michael Sultana ghal kull interess li jista jkollu**
**vs**
**Carmelo sive Charles, MaryRose sive Rose xebba, Edward, Andrew kollha ahwa Pace, u Elizabeth illum mart Deo Xerri u l-istess Deo Xerri ghal kull interess li jista' jkollu, Joseph, Jesmond, Mario, Marcangelo Sandro u Joanne xebba ahwa Pace, ulied il-mejjet John Pace**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fit-30 ta' Marzu, 1992, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi Joseph Pace miet fit-13 ta April 1982, kif jirrizulta minn Certifikat tal-Mewt esebit Dok A u martu Carmela nee Schembri mietet fis-26 ta Dicembru 1990, kif ,jirrizulta minn certifikat tal-mewt esebit Dok B;

Illi is-successjoni tal-stess Joseph Pace u Carmela nee' Schembri hija regolata minn testment fl-Atti ta' l-Onorevoli Ministru Nutar Dottor George Bonello Dupuis, tal-15 ta Lulju 1976 kopja esebita Dok C, u kif ippruvat mir-ricerki testamentarji esebiti Dok D, E, u F;

Illi skond l-istess testment l-imsemmija konjugi Pace hallew bhala eredi taghhom lil uliedhom l-atturi ahwa Pace kif ukoll lil uliedhom Carmelo sive Charles, Mary Rose sive Rose, xebba, Edward, John u Andrew ahwa Pace, li minnhom John Pace miet fis-17 ta Dicembru 1983 u halla superstiti u eredi tieghu lil uliedu Elizabeth illum mart Deo Xerri, Joseph, Jesmond, Mario, Marco, Sandro u Joanne ahwa Pace;

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqghu jippossedu inkomuni bejniethom;

Talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tilllikwida il-komunjoni ta' l-akkwisti gia' eziz tenti bejn il-mizzewgin Joseph u Carmela Pace billi tigi dikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni u assi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. tordna id-divizjoni ta l-istess komunjoni kif fuq likwidata f'zewg porzjonijiet egwali li minnhom wahda tigi assenjata lill-assi partikolari ta' l-imsemmi Joseph Pace u l-ohra tigi assenjata lil-assi partikolari ta martu Carmela Pace;

3. tillikwida l-assi partikolari ta Joseph Pace billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs indiviz tal-komunjoni ta l-akkwisti u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

4 tillikwida l-assi partikolari ta’ Carmela Pace billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs indiviz tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u f’dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

5. tordna id-divizjoni ta’ l-assi partikolari ta’ Joseph Pace fi tmien porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed kontendenti seba’ wlied ahwa Pace ulied Joseph u wahda ohra lill-ahwa Pace ulied il-mejjet John li jiehdu ottava parti bejniethom bhala eredi ta’ missierhom;

6. tordna id-divizjoni ta’ l-assi partikolari ta’ Carmela Pace fi tmien porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-kontendenti ahwa Pace ulied Joseph u wahda ohra lill-ahwa Pace ulied il-mejjet John li jiehdu ottava parti bejniethom in sostituzzjoni ghal missierhom John Pace;

7. Tinnomina Periti ghal-likwidazzjoni u ghall-assenjazzjonijiet fuq imsemmija u Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att opportun u Kuraturi ghall-kontumaci;

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo sive Charles Pace, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok, l-atturi Mario Debattista, Aronne sive Ronnie Cacciottolo, u Michael Sultana ma ghandhom l-ebda interess f’dina l-kawza, u ghaldaqstant l-eccipjent qed jitlob li l-ewwel u qabel kollox jigi liberat mll-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghhom, bl-ispejjez kontra taghhom;
2. Illi fit-tieni lok, il-konvenut Deo Xerri ukoll ma ghandu l-ebda interess f’dina l-kawza u ghaldaqstant ghandu jinhareg minnha bl-ispejjez kontra l-atturi;
3. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent ma jopponiex ruhu ghad-divizjoni tal-gid imholli mill-genituri tieghu, Joseph u Carmela konjugi Pace, salv il-verifika ta’ l-assi u l-verifika tal-kwoti;

4. Illi ghar-rigward ta’ l-istma li l-mejtin Pacekienu jippossjiedu fis-socjeta’ “Pace Bros (Gzira) Ltd” ghandhom jigu osservati r-regolamenti tal-Memorandum u l-Articles of Association ta’ l-istess socjeta’ fid-divizjoni ta’ l-istess istma;
5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmelo Pace;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonjiet tal-konvenuti Elizabeth mart Deo Xerri, l-istess Deo Xerri, Joseph, Jesmond, Mario, Marcangelo, Sandro u Joanne ahwa Pace, ulied il-mejjet John Pace, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi in linea preliminari Deo Xerri m’ghandux interess guridiku fil-kawza u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-ossevanza tal-gudizzju;
2. Illi in linea preliminari Mario Debattista, Aronne sive Ronnie Cacciattolo u Michael Sultana m’ghandhomx interess guridiku fil-kawzi u ghalhekk l-esponenti ghandhom, fil-konfront taghhom, jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Illi fil-meritu m’hemmx oggezzjoni li ssir divizjoni skond il-ligi;
4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Elizabeth mart Deo Xerri, l-istess Deo Xerri, Joseph, Jesmond, Mario, Marcangelo, Sandro u Joanne ahwa Pace, ulied il-mejjet John Pace;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonjiet tal-konvenuti Mary Rose sive Rose, Edward u Andrew, ahwa Pace, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi, in linea preliminari, l-eccipjenti jitolbu illi jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tal-atturi Mario Debattista, Aronne sive Ronnie Cacciottolo u Michael Sultana, stante illi l-imsemmija atturi ma humiex ko-eredi tal-mejtin Joseph u Carmela, konjugi Pace, kif jirrizulta wkoll mill-premessi u d-dikjarazzjoni attrici;

2. Illi, subordinament, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent qatt ma opponew ghad-divizjoni mitluba mill-atturi, u ghalhekk l-ispejjez ta' din l-istanza ma ghandhomx jigu sopporati unikament minnhom;
3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Mary Rose sive Rose, Edward u Andrew, ahwa Pace.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Gunju 1992 li permezz tieghu hatret lil Dr Tonio Mallia bhala perit legali bl-assistenza tal-Perit Huntingford bhala perit tekniku.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru 1995 li permezz tieghu issostitwiet lill-Perit Huntingford bil-Perit Arkitett Andrew Ellul bl-istess fakultajiet;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Jannar 2002, li permezz tieghu il-Perit Legali Dr Tonio Mallia gie sostitwit b'Dr Peter Caruana Galizia, bl-istess fakoltajiet;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' April 2005 li permezz tieghu hatret lil Perit Godwin Abela biex jassisti lill-Perit Legali;

Rat ir-rapport tal-esperti gudizzjarji, minnhom mahluf waqt is-seduta tas-7 ta' Mejju 2008.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonjiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Perit Legali Dr Peter Caruana Galizija ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-relazzjoni tieghu :

"Kunsiderazzjonijiet :

20. Irrizulta li fil-mori tal-kawza l-partijiet kienu waslu ghal divizjoni parzjali u immissjoni fil-pussess dwar l-legat tad-dar 246 Rue D'Argens, Gzira (Dok CP 1). Kien hemm ukoll diversi tentattivi biex il-partijiet jiftiehmu fuq l-kumplament tal-assi fil-wirt izda dan ma sehhx.

21. Iris Cacciotolo xehdet fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2005 u spjegat li l-unici assi li fadal fil-wirt huma s-segwenti :

- **Flat 8 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira**

- **Flat 9 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira**

- **Garage 250 Rue D'Argens, Gzira**

- **Kreditu ta' LM5,776.334 (illum €13,455.24) dovut minn Savoy Bus Company Limited.**

22. Jirrizulta mill-kuntratt tat-3 ta' Settembru 2002 (Dok CP 1), maghmul minn Nutar Peter Fleri Soler, illi Edward Pace u Mary Rose Pace gew immessi fil-pussess tal-legat tad-dar 246 Rue D'Argens Gzira lilhom imholli in kwantu guvni u xebba skond l-hames artiklu tat-testment unica charta tal-genituri taghhom tal-15 ta' Lulju 1976 ricevut minn Nutar George Bonello Dupuis.

23. Jidher ukoll li l-assi l-ohra jew inbieghu jew inqasmu gja bejn l-eredi. Hadd mill-partijiet ma ikkontesta dan u ghaldaqstant l-perit legali sejjer jassumi li l-lista li tat Iris Cacciatolo fix-xhieda taghha hija koretta u li dawna huma kollha assi tal-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn Joseph u Carmela konjugi Pace. Dana huwa ukoll ikkonfermat fil-kuntratt tat-3 ta' Settembru 2002.

24. Illi l-espert tekniku iddeskriva l-propjeta immobbli fir-relazzjoni tieghu u attribwixxa valur kif gej :

- **Flat 8 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira** flimkien ma sehem ta' 1/9 mill-partijiet komuni fil-blokk mikri lil terzi b'kirja regolata mill-Kap. 69;
Valur : €35,000

- **Flat 9 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira** flimkien ma sehem ta' 1/9 mill-partijiet komuni fil-blokk bil-pussess battal;
Valur : €70,000

- **Garage 250 Rue d'Argens, Gzira**. Dan huwa sottostanti propjeta ta' terzi u fih kejl ta' circa 100m2 Il-fond huwa soggett ghal cens perpetwu ta' €3.73 fis-sena u huwa vakanti.
Valur : €116,500

25. Illi l-espert tekniku kkonkluda li, tenut kont tal-kwoti u numru ta' tmien eredi, l-assi immobiljari m'humiex kommodament divizibbli minghajr diskapitu."

Illi l-Qorti rat ir-rapport tal-perit tekniku Godwin Abela fejn huwa ghamel deskrizzjoni tal-fondi.

Illi l-perit legali wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet :

"26. Illi l-kreditu ta' €13,455.24 dovut lill-eredi mis-Savoy Bus Company Limited huwa divizibbli bejn it-tmien eredi u ghaldaqstant ghandu jigu maqsum fi tmien porzjoni ta' €1,681.90 kull porzjoni biex jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti Alfreda Debattista, Iris Cacciatolo, Miriam Sultana, Carmelo sive Charles Pace, Mary Rose Pace, Edward Pace u Andrew Pace kwantu ghal seba' porzjonijiet u kwantu ghar-rimanti porzjoni lit-tfal tal-premort John Pace li jisimhom Elizabeth Xerri, Joseph, Jesmond, Mario, u Marcangelo, Sandro u Joanne ahwa Pace. Dan il-kreditu ma inghatax valur u ovvjament dana jiddependi fuq il-likwidita' o meno tas-socjeta' debitrici li fuqha ma ingabet l-ebda prova. Izda, peress li l-kreditu sejjer jinqasam bejn l-eredi kollha f'sehem ugwali, il-valur ma jaffetwax u hadd mhu sejjer jigi pregudikat.

27. Illi l-Artikolu 906 (1) tal-Kap. 16 jipprovdi li :

*Tista dejjem tintalab il-qasma tal-wirt, ghalkemm it-testatur ikun ipprojbiha.*

*28.* L-Artikolu 907 Kap. 16 jkompli jghid li ghal dina l-qasma ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili (Kap. 16) dwar il-kommunjoni ta' proprjeta li huma l-Artikli 496 sa 523.

*29.* Illi a tenur tal-Artiklu 496 Kap. 16 hadd ma jista jkun imgieghel jibqa fil-kommunjoni ta' proprjeta ma haddiehor u meta, skond l-Artiklu 515 (1) Kap. 16, il-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistghax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, dawn l-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom.

*30.* La darba, skond l-artiklu 521 Kap 16, il-licitazzjoni sejra issir taht is-setgha tal-Qorti, ghandha titmexxa skond ir-regoli ta' bejgh bl-irkant bil-Qorti sa fejn dawn ir-regoli jistghu jghoddu, u il-barranin ghandhom jigu mistidnin biex joffru.

*31.* Ghaldaqstant, ghal finijiet tat-talbiet kollha tal-atturi:

(a) l-assi rimanenti fil-wirt ta' Joseph u Carmela Pace huma dawk elenkati fil-paragrafu 21 supra bil-valur kwantu ghall-immobbli indikat fil-paragrafu 24 supra.

(b) L-assi mobbli konsistenti fil-kreditu deskritt fil-paragrafu 26 supra ghandu jinqasam fi tmien porzjonijiet kif indikat fl-istess paragrafu.

(c) L-immobbli ma jistghux jinqasmu bejn l-eredi minghajr xkiel u hsara u ghalhekk ghandu jigi applikat ir-rimedju ta' bejgh b'licitazzjoni u l-Qorti ghandha tiffissa data, hin u lok ghal dan l-iskop bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

*32.* Dwar l-ecezzjonijiet li ressqu l-konvenuti ghandu jinghad illi huwa minnu li Mario Debattista, Aronne sive Ronnie Cacciatolo, Michael Sultana u Deo Xerri ma ghandhomx interess guridiku fil-proceduri u dana stante li l-assi huma kollha personali ghall-eredi ta' Joseph u Carmela Pace. Deo Xerri ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Dwar l-ispejjez ma ingabet l-ebda prova li turi li l-konvenuti Mary Rose sive Rose, Edward u Andrew Pace ghamlu xi tentattiv biex issir divizjoni minghajr il-bzonn ta' proceduri gudizzjarji u

ghalhekk l-ispejjez ghandhom jinqasmu, kif normalment isir, skond il-kwoti rispettivi tal-partijiet.”

Ikkunsidrat :

Illi ma saret l-ebda hatra ta’ periti addizzjonali f’dan il-kaz izda l-avukat difensur tal-konvenut Carmelo Pace ipprezenta xi domandi lill-perit legali in eskussjoni tar-relazzjoni tieghu u il-perit legali wiegeb ghal dawn id-domandi.

Ikkunsidrat :

Illi l-atturi Iris Cacciatolo, Miriam Sultana mart Michael Sultana u l-istess Michael Sultana iddikjaraw illi huma jaqblu perfettament mal-konkluzjonijiet tal-esperti gudizzjarji.

Illi dawn l-atturi ma qablux biss illi l-licitazzjoni issir bl-ammissjoni ta’ oblaturi estreni minghajr talba apposita minn naha ta’ lanqas wiehed mill-kompropretarji u ghaldaqstant, peress illi huma jixtiequ illi il-licitazzjoni isir b’oblaturi esterni, ikkonfermaw formalment ix-xewqa taghhom li jkunu mistiedna oblaturi esterni fl-eventwali licitazzjoni.

Illi Carmelo sive Charles Pace ma qalbilx mar-relazzjoni tal-periti gudizzjarji stante illi huwa ikkontenda illi fadallu jiehu s-somma ta’ tlieta u hamsin elf hames mija hamsa u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€53,575.59), ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (LM23,000) bl-imghaxijiet mit-3 ta’ Settembru 2002 u cioe’ id-data tal-publikazzjoni tad-divizjoni, peress illi jikkontendi illi sal-lum l-appartament 44 /2, Victory Flats, Triq ir-Rebha, Gzira ghadu proprjeta tal-kumpanija Pace Bros (Gzira) Limited u hu baqa ma inghatax is-somma ta’ tlieta u hamsin elf hames mija hamsa u sebghin ewro u disgha u hamsin centezmu (€53,575.59).

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 496 tal-Kap. 12 jghid illi hadd ma jista jkun imgieghel jibqa fil-komunjoni.

Illi l-Artikolu 515 (1) (2) tal-Kap. 16 jghidu hekk :

"(1) Meta l-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, dawk il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom.

(2) L-istess isir jekk, f'qasam ta' beni in komun, ikun hemm xi beni illi ebda wahda mill-partijiet li jkunu qeghdin jaqsmu ma tkun tista' jew trid tiehu."

Illi l-Artikolu 521 tal-Kap. 16 jghid hekk :

"(1) Meta skond id-disposizjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan il-lictazzjoni ssir taht is-setgha tal-qorti, hija ghandha titmexxa skond ir-regoli stabbiliti ghall-bejgh fl-irkant bil-qorti, sa fejn dawn ir-regoli jistghu jghoddu, kemm-il darba l-qorti ma jidhrilhiex li jkun aktar ta' gid ghall-partijiet jekk tigi maghmula xort'ohra.

(2) Fil-kazijiet kollha, il-barranin ghandhom jigu mistednin biex joffru.

(3) Il-liberazzjoni maghmula mir-registratur tghodd daqs li kieku kienet il-kuntratt tal-bejgh, ukoll fil-kaz ta' bejgh ta' beni immobbli."

Illi l-Artikolu 517 jghid :

"Kull komproprjetarju jista' jitlob li l-barranin jigu mistiedna biex joffru fil-bejgh b'licitazzjoni, b'avviz mahrug f'gurnal wiehed jew izjed, mill-anqas sitt ijiem qabel il-jum imholli ghall-bejgh."

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ormai huwa stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi meta proprjeta immobbli ma hiex komodament divizibbli ghandhom jigu applikati id-disposizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta dwar il-licitazzjoni.

Ikkunsidrat :

Il-ligi thares il-kwistjoni tal-bejgh b'licitazzjoni kemm fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll fil-Kap. 16, bid-differenza principali bejniethom hija illi f’kaz ta’ bejgh b’licitazzjoni li jaqa taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12, il-bejgh jintalab minn kreditur ta' sid il-post li jkun ser jinbiegh b'irkant taht l-awtorita' tal-Qorti, filwaqt illi il-bejgh b’licitazzjoni huwa ikkontemplat mill-Kodici Civili Kap. 16 meta l-bejgh jitnissel mir-rieda li xi hadd minn numru ta' sidien ma jridx jibqa' izjed bi shab mas-sidien l-ohrajn;

Illi jistghu jkunu is-sidien kollha illi jiftehmu dwar bejgh b’licitazzjoni tal-gid immobbli, izda jekk il-bejgh b’licitazzjoni isir b’ordni tal-Qorti l-ghazla ta’ liema procedura ser tigi segwita tithalla f’idejn il-Qorti.

Illi l-Qorti rat ukoll illi kull ko-proprjetarju jista jitlob illi fil-bejgh b’licitazzjoni jippartecipaw ukoll oblaturi esterni.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti, peress illi tara illi l-esperti gudizzjarji minnha mahtura qdew sew u fedelment l-inkarigu moghti lilhom, qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni taghhom u taghmilha bhala taghha.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni illi ghamel il-konvenut Carmelo sive Charles Pace, imsemmija aktar ‘il fuq f’dan il-gudikat, irrizulta illi kienet l-intenzjoni tal-ko-proprjetarji illi l-konvenut Carmelo Pace jakkwista fond li kien jappartjeni lill-kumpanija Pace Bros (Gzira) Limited u li ma kienx inkluz fil-wirt u li kellu l-valur ta’ tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (LM23,000) li kellu jigi ikkunsiderat bhala imhallas, izda jirrizulta illi mhuwiex minnu illi l-ko-proprjetarji kodividenti l-ohrajn hadu sehem akbar minn

Carmelo sive Charles Pace, peress illi l-kodividenti l-ohrajn hadu fond fid-divizjoni parzjali u Carmelo sive Charles Pace iddikjara illi irceva valur ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin fi flus u immobbli.

Illi l-Perit Legali gustament issottometta illi filwaqt illi Charles Pace qieghed jallega illi huwa ghandu jiehu l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (LM23,000) minghand il-ko-divendenti l-ohrajn, huwa iddikjara fid-divizjoni parzjali illi saret illi dawn il-flus huwa diga hadhom. Illi Carmelo Pace kellu kull opportunita jattakka id-divizjoni parzjali, jekk deherlu li kellu jaghmel hekk, izda dan baqa ma ghamlux u ghalhekk il-Qorti taqbel mal-perit legali illi din l-allegazzjoni ta' Carmelo Pace ma giet bl-ebda mod ippruvata minnu.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi tilqa l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti Elizabeth mart Deo Xerri, l-istess Deo Xerri, Joseph, Jesmond, Mario, Marcangelo, Sandro u Joanne ahwa Pace, ulied il-mejjet John Pace, u tillibera lil Deo Scerri, lil Mario Debattista, lil Aronne sive Ronnie Cacciottolo u lil Michael Sultana mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa wkoll l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Mary Rose sive Rose, Edward u Andrew, ahwa Pace u tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikjara illi l-assi rimanenti fil-wirt ta' Joseph u Carmela Pace huma s-segwenti - Flat 8 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira, Flat 9 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira, Garage 250 Rue D'Argens, Gzira u kreditu ta' hamest elef seba mija sitta u sebghin Liri Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM5,776.33), ekwivalenti ghas-somma ta' tletax il-elf erba mija hamsa u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,455.24) illi huwa kreditu dovut minn Savoy Bus Company Limited. Il-Qorti tiddikjara illi Flat 8 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira jiswa hamsa u tletin elf ewro (€35,000), Flat 9 Alfreda Flats, Sliema Road, Gzira jiswa sebghin elf ewro (€70,000) u il- Garage 250 Rue D'Argens, Gzira jiswa mija u sittax il-elf u hames mitt ewro (€116,500). Il-Qorti tiddikjara illi tenut kont tal-kwoti u n-numru ta' tmien eredi, l-assi immobiljari m'humiex komodament divizibbli minghajr diskapitu. Illi il-

kreditu ta' €13,455.24 dovut lill-eredi mis-Savoy Bus Company Limited huwa divizibbli bejn it-tmien eredi u ghaldaqstant kull wiehed minn dawn it-tmien eredi ghand jiehu is-somma ta' €1,681.90 u t-tmien kontendenti huma - Alfreda Debattista, Iris Cacciatolo, Miriam Sultana, Carmelo sive Charles Pace, Mary Rose Pace, Edward Pace u Andrew Pace kwantu ghal seba' porzjonijiet u kwantu ghar-rimanti porzjoni lit-tfal tal-premort John Pace li jisimhom Elizabeth Xerri, Joseph, Jesmond, Mario, u Marcangelo, Sandro u Joanne ahwa Pace. Il-Qorti tordna il-bejgh tal-proprjeta immobbli b'licitazzjoni; liema bejgh ghandu jkun miftugh ghall-barranin u l-Qorti tordna li f'dan l-irkant ghandu jigu osservati id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 312 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez il-Qorti, wara illi rat illi l-konvenuti Mary Rose, Edward u Andrew ahwa Pace ma ghamlu l-ebda tentattiv sabiex isir divizzjoni minghajr il-bzonn ta' proceduri gudizzjarji, tordna illi l-ispejjez ghandhom jinqasmu skond il-kwoti rispettivi tal-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------